# Dr. Conrad Borg Manché

LL.B., Dip. L.P., M.Adv (Melit.).

Avukat – Sindku tal-Gżira


7 ta' Ottubru 2023

**<u>Riżenja minn delegat u membru tal-Partit Laburista</u>**

Lill-Amministrazzjoni tal-Partit Laburista**,**

**Introduzzjoni**

Kif tafu din hija d-disa' sena li ili nimmilita fil-Partit Laburista u id-disa' sena nokkupa l-pożizzjoni ta' Sindku. Responsabilita' kbira li fdawni biha r-residenti li saħansitra fl-aħħar elezzjoni ippremjawni bl-ikbar fiduċja li qatt ġab Sindku fil-Gżira, kif ukoll bl-ikbar maġġoranza li ġie mogħti partit fi tmien elezzjonijiet tal-kunsill lokali fil-Gżira. Dan fl-iktar żmien diffiċli minħabba bini eċċessiv u influss qawwi ta' barranin fil-lokalita mingħajr preċedent. Ta' din il-fiduċja nibqa' grat lejhom ħajti kollha.

B'kunfidenza ngħid illi f'dawn it-tmien snin li għaddew dejjem imxejt b'lealta assoluta lejn ir-residenti tiegħi, kif ukoll b'lealta' lejn il-prinċipji soċjalisti li nemmen fihom b'konvinzjoni kbira. Dejjem ġibt l-ewwel l-interess komuni tal-poplu f'kull ma għamilt.

Nirringrazzja lil Alla, illi fil-bidu tas-sindakat tiegħi ġejt affaċjat bi kwistjonijiet kbar bħal ta' l-aċċess għall-kosta ta' *Manoel Island*, li kien magħluq illegalment għal 16-il sena sħaħ. Mill-bidu fhimt illi għal ċerti politiċi, l-interess tal-poplu ma kienx ta' priorita'. Illegalita' li dwarha ħadd f'dan il-perjodu twil ma ħa azzjoni konkreta.

Kburi li bl-azzjonijiet tiegħi, tar-residenti u ta' l-attivisti, l-iżvilupp ser jonqos drastikament, l-aċċess għall-kosta huwa issa protett, u il-fortizza tkun gawduta mill-poplu u mhux konvertita f'*boutique hotel* fost affarijiet oħra. Id-detall kollu jinsab iswed fuq l-abjad fil-*Guardianship Agreement (kuntratt pubbliku)*. Ftehim, illi huwa l-ewwel tax-xorta tiegħu li jissalvagwardja l-interess tal-poplu biex b'hekk il-proġett issa huwa wieħed ibbilanċjat li ħa jħalli spazji kbar miftuħa u ħodor għal kulħadd.

**Pompa tal-Petrol – Ġnien tal-Gżira**

Kwistjoni li ippreokupatni mhux ftit, kienet dik li tirrigwarda it-teħid ta' kważi tomna mill-ġnien biex takkomoda pompa tal-petrol. Din il-kwistjoni bdiet mill-istess ġurnata li fiha

ħadt il-ġurament ta' Sindku għat-tieni leġislatura tiegħi, fl-1 ta' Lulju 2019. Dakinhar stess kont fil-post eżatt u fil-ħin eżatt biex bl-għajnuna t'Alla, ninduna li kienet qed tinstema' l-applikazzjoni 2000/1999 (applikazzjoni ta' 20 sena qabel biex ma nindunax biha), minkejja li ma kont infurmat minn imkien dwarha. Kont hemm biex niġġieled il-*garbage room* tat-torri 14 East li inbniet illegalment f'wiċċ in-nies u kienet ħa titla' għall-board ta' l-ippjanar biex tiġi sanzjonata. Lanqas nimmaġina ma rrid kieku dakinhar ma inzertajtx hemm x'kien jigri, ċertament kont niġi redikolat mal-pajjiz kollu. Kif kont ħa nispjega lin-nies li bħala Chairman ta' Ambjent Malta u Sindku ma kontx naf b'dan il-pjan ta' pompa tal-petrol ġo ġnien? Min kien ser jemminni li ma kontx naf biha? Ċertament ir-reputazzjoni li bnejt b'tant sagrifiċċju kienet tispiċċa fix-xejn u kienet taffettwani ħajti kollha u ħajjet il-familja tiegħi. Iżda il-Kbir Alla ma ħamilx li jiġri hekk u kont hemm fil-ħin eżatt biex ninduna. Hija irresponsabilta' kbira, nuqqas kbir ta' empatija u ir-regħba li iwasslu biex wieħed jittradixxi u jissagrifika wieħed minn ħutu fl-istess partit fuq xi ħaga li tmur saħansitra kontra il-prinċipji tal-partit.

F'din il-leġislatura, kelli kull xorta ta' tfixkil speċjalment minn kunsillier partikolari tal-Partit Laburista li saħansitra għamel affidavit ġuramentat falz. L-iskop mallin tiegħu u ta' min probabilment imbuttah biex jagħmlu, kien, biex jipprova jimmina deċizjoni li ħadna waqt laqgħa tal-kunsill rigward nappellawx jew le id-deċiżjoni ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar dwar il-permess tal-pompa fil-ġnien. Din ma kinitx biżżejjed, saħansitra avviċina persuni fil-Partit Nazzjonalista biex jorkestra vot ta' sfiduċja fija. Huwa ta' l-iskantament, li allavolja infurmajt il-partit b'dan kollu, sa llum ma ittieħed l-ebda pass dixxiplinarju fil-konfront ta' dan il-kunsillier. Anzi, ġejt imċanfar jien li kont qed ngħajjijhom għax kont nirribatti l-attakki li kienu isiru fuqi mill-istess kunsillier. Dan kien sinjal ċar illi posti fil-partit kien beda jiddeterjora u ma kontx iktar stmat u milqugħ bħal ma kont fil-legislatura ta' qabel, li fiha dejjem tħallejt naħdem fuq kull inizjattiva li ħadt fosthom ta' *Manoel Island*.

Permezz ta' dawn l-azzjonijiet innotajt ukoll li f'dawn l-aħħar tlett snin ċerti deċiżjonijiet speċjalment dawk marbuta mal-ġnien u l-pompa ma niżlux tajjeb ma' min xtaq jaġevola interessi privati akkost li jinqered ġnien tan-nies. Ċerti attitudnijiet ta' persuni b'karigi għoljijn fil-partit inbidlu mill-lejl għan-nhar u għaldaqstant ma bqajtx inħossni milqugħ bħal ma kont qabel. Ma ninsa qatt l-animosita li wriet Dr. Ramona Attard f'seduta fil-qorti waqt il-kontro-eżami li għamlitli meta kienet qed tirrappreżenta l-Awtorita' tal-Artijiet, qisni f'daqqa waħda sirt għadu prinċipali tagħhom. Ma stajtx nifhem kif il-president tal-partit laburista setgħet faċilment tinsa il-principji soċjalisti u tiddefendi pompa biex issir fil-ġnien tal-poplu akkost li tgħarrqu darba għal dejjem u tipprova tirredikola Sindku ta' l-istess partit.

Dan kollu ma kienx biżżejjed, ftit iktar minn sena ilu, f'nofs l-aħħar eżamijiet tal-liġi twarrabt ukoll minn pożizzjoni ta' Chairman ta' Ambjent Malta li okkupajt għal tlett snin li tant kienet għal qalbi u kienet il-ħobża ta' kuljum tal-familja tiegħi.

**Il-Kirja u Il-Proġett tal-Ġnien Kunsill ta' L-Ewropa**

Għar-raba' sena konsekuttiva, il-kera simbolika tal-ġnien li kull sena il-kunsill iħallas lill-Awtorita' tal-Artijiet qed tiġi depożitata permezz ta' ċedola fil-qorti għax l-awtorita' ma baqghatx tibgħatilna talba għall-ħlas kif kien ilu jsir mis-sena 2000.

Il-kawża tal-ġnien li ftaħna kontra l-Awtorita' tal-Artijiet li ġiet deċiza fl-appell fis-26 ta' April 2023 qisha ma ntrebħet xejn għax il-progett tal-ġnien ħames xhur wara għadna ma nistgħux nibdewh peress li l-Awtorita' tal-Artijiet qed iżommna milli napplikaw mal-Awtorita' tal-Ippjanar. Proġett bżonnjuz daqs il-ħobż fl-iktar lokalita' b'densita għolja ta' popolazzjoni u inkwinament f'Malta. Dan il-proġett li ilu mill-inqas erba' snin lest biex jibda, ser jiswa madwar €1.3 Miljuni li minnu ser igawdu it-tfal u ir-residenti Gżirjani u tal-madwar. Diġa' inħlew 3 snin minħabba li l-pompa ġiet mogħtija preċedenza assoluta fuq l-interess komuni tan-nies. Kieku tħallejna naħdmu illum lest u diġa' qed jitgawda minn kulħadd.

**Triq Manoel De Vilhena**

Billi fil-Gżira m'għandniex pjazzez, minn dejjem kienet il-ħolma tiegħi li fi Triq Manoel de Vilhena noħloq ċentru sabiħ. Minflok ċentru, nħolqot tbatija kbira għal sena u tmien xhur sħaħ. Tbatija, li wasslet f'mard respiratorju fit-tfal li joqgħodu f'din it-triq, diffikultajiet kbar u inċidenti għall-anzjani tagħna, kif ukoll telf finanzjarju kbir għan-negozji. Saħansitra negozji kienu kostretti jgħalqu il-bibien tagħhom.

Dan il-proġett jagħti prova ċara tan-nuqqas ta' ppjanar u nuqqas ta' maniġjar tal-proġetti li jwasslu fi tbatijiet bla bżonn lir-residenti u lin-negozji.

**Inkjesta Pubblika Jean Paul Sofia**

L-iktar ħaga li ġgħalitni naħseb profondament hija ix-xena li ma ridtx nemmen b'għajnejja, il-vot fil-parlament kontra talba għall-inkjesta pubblika biex tinvestiga ħolistikament x'wassal biex ħaddiem Jean Paul Sofia ħalla ħajtu fuq il-post tax-xogħol. Għalija dak il-vot wera biċ-ċar li il-partit tal-ħaddiema tilef l-għan prinċipali li għalih kien twaqqaf ftit iktar minn 100 sena ilu.

**Liġi tal-Familja**

Raġuni oħra li tweġġani ħafna, tirrigwarda it-tfal u l-ġenituri kollha tal-pajjiz li għaddejjin minn għawġ fil-familja li sfortunatament dejjem jikber. Qiegħed nirreferi għan-nuqqas ta' għaġir biex isiru l-emendi meħtiega fil-liġi tal-familja. Dawn l-emendi huma parti ukoll mill-manifest elettorali ta' l-aħħar elezzjoni li s'issa ma ingħataw priorita' ta' xejn. Insaqsi, it-tfal u l-familja għadhom is-sinsla tal-pajjiz għall-Partit Laburista? Bidla soċjali

neċessarja u opportunita' tad-deheb biex titaffa tbatija kbira li għaddejjin minnha ħafna tfal u ġenituri. Tbatija li wasslet f'suwiċidji u omiċidji. Bidla li sa issa ma ġietx ikkunsidrata, aħseb u ara kemm saret, minkejja l-appelli kontinwi tagħna.

**IL-Kwistjoni tal-Warrants tal-Avukati**

*The straw that broke the camel's back* hija il-kwistjoni tal-Warrant ta' l-avukati. 110 Avukat nistennew bil-ħniena id-dritt tagħna li nipprattikaw il-professjoni tagħna.

Sitt snin ta' sagrifiċċji kbar speċjalment jien b'żewgt itfal żgħar. Għaliex għandna inbatu u nħallsu aħna għall-inkompetenza u in-nuqqasijiet ta' ħaddieħor? Iggradwajna fl-14 ta' Marzu u għamilna l-eżami orali quddiem żewġ imħallfin fit-23 ta' Marzu 2023. Sussegwentement dakinhar ta' l-eżami orali irċevejna telefonata li għaddejna mill-ezami tal-warrant. Għaddew iktar minn sitt xhur u sa llum għadna ma nafux meta ħa tingħatalna din il-warrant biex inkunu nistgħu nipprattikaw dak li ħdimna għalih.

Għalija kull skuża li ingħatatli hija frivola għax ġia la darba is-sena ta' qabilna ingħataw il-warrant mingħajr ma sarilhom *il-fit and proper test*, kien ċar kristall li kellu jsir intervent leġislattiv u mhux titħalla l-istess problema għas-sena ta' wara.

**Deċizjoni ta' Riżenja**

Kulħadd għandu il-limiti tiegħu u għalhekk issa issaportejt biżżejjed. Iż-żmien ta' l-istennija għadda u għalhekk m'għandix triq oħra ħlief li nieħu id-deċizjoni li hemm bzonn biex nagħti sinjal ta' diżapprovazzjoni għal kull akkadut. F'dawn l-aħħar xhur kelli diversi laqgħat, kemm mall-Prim Ministru, mall-Viċi Kap tal-Partit Daniel Micallef u ma' membri oħra fill-Kabinett, iżda kollox baqa' kif kien. Il-kliem fieraħ u azzjonijiet zero għajjewni issa.

Irrid ngħid li l-uniku dispjaċir li għandi, apparti għal kif ġejt trattat mill-partit li dejjem ħrigt ta' nies, hu, li naf li ħa niddiżappunta dawk il-membri u delegati ġenwini tal-Partit Laburista li naf li għandhom fiduċja fija u dejjem urewni l-appoġġ tagħhom f'dak kollu li għamilt u ta' dan minn qiegħ qalbi nirringrazzjahom.

Sfortunantament inħoss illi għar-raġunijiet li tajt, il-partit m'għadux dak soċjalista taż-żgħir u tal-ħaddiem. Għalhekk id-deċizjoni ta' riżenja tiegħi mill-partit tiġi b'mod naturali.

Kull deni dejjem ħadtu b'ġid. Kull kwistjoni li kelli ċertament għamlitni kburi u bniet fija grinta ikbar milli qatt kelli u tatni sodisfazzjon enormi u ta' dan nibqa' grat għal kull min tani il-fiduċja biex seta' ikolli l-opportunita' nagħmel il-ġid għall-Gżira u għal Malta tagħna.

Kburi illi Il-ġurament li ħadt dejjem ħadtu b'serjeta' u f'kull deċizjoni li ħadt dejjem segwejtu b'diliġenza kbira.

Għalija din id-deċizjoni hija probabilment l-iktar importanti li qatt ħadt f'ħajti u l-iktar li għaliha iddedikajt siegħat twal ta' ħsieb, għalhekk f'din l-ittra kelli nelabora u insemmi ħafna mill-esperjenzi li magħdudin flimkien wassluni biex nieħu din id-deċizjoni.

Għalhekk għal dawn ir-raġunijiet kollha li tajt f'din l-ittra qiegħed ninfurmakom illi b'effett immedjat qed nagħti ir-riżenja tiegħi minn membru u delegat tal-Partit Laburista.

Għat-tmien xhur li fadal, biex tintemm din il-leġislatura, l-intenzjoni tiegħi hi li nkompli nokkupa il-pożizzjoni ta' Sindku tal-Gżira, b'mod indipendenti.



Dr Conrad Borg Manché

Sindku tal-Gżira